

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2268 tas-6 ta' Settembru 2021 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 dwar il-metodoloġija sottostanti u l-preżentazzjoni tax-xenarji tal-prestazzjoni, il-preżentazzjoni tal-kostijiet u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikaturi sommarji tal-kostijiet, il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-passat u l-preżentazzjoni tal-kostijiet tal-prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) li joffru firxa ta' opzjonijiet għall-investiment u jallinjaw l-arranġament tranżizzjonali għall-manifatturi tal-PRIIP li joffru unitajiet ta' fondi msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala opzjonijiet ta' investiment sottostanti b'arranġament tranżitorju estiż stabbilit f'dan l-Artikolu

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 455 I tal-20 ta' Diċembru 2021)

Fil-paġna 13, l-Anness II, il-punt (1),

minflok: “(b) il-punt 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘13. Il-VEV hija kkalkulata hekk:

$$VEV = \left\{ \sqrt{\left(3.842 - 2 * (VaR_{RETURN\ SPACE}) \right) - 1.96} \right\} / \sqrt{T}$$

fejn T hija t-tul tal-perjodu ta' żamma rakkomandat fi snin.';”,

aqra: “(b) il-punt 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘13. Il-VEV hija kkalkulata hekk:

$$VEV = \left\{ \sqrt{\left(3.842 - 2 * VaR_{SPAŻJU\ TAR\ REDDITU} \right) - 1.96} \right\} / \sqrt{T}$$

fejn T hija t-tul tal-perjodu ta' żamma rakkomandat fi snin.';”,

minflok: “(c) il-punt 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘17. Il-VEV hija kkalkulata hekk:

$$VEV = \left\{ \sqrt{\left(3.842 - 2 * \ln(VaR_{PRICESPACE}) \right) - 1.96} \right\} / \sqrt{T}$$

fejn T hija t-tul tal-perjodu ta' żamma rakkomandat fi snin. Jekk il-prodott jinxtara jew jiġi kkanċellat qabel tmiem il-perjodu ta' żamma rakkomandat skont is-simulazzjoni, u f'dawn il-każijiet biss, il-kalkolu jkun ibbażat fuq il-perjodu ta' snin sax-xiri jew il-kanċellazzjoni.';”,

aqra: “(c) il-punt 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘17. Il-VEV hija kkalkulata hekk:

$$VEV = \left\{ \sqrt{\left(3.842 - 2 * \ln(VaR_{SPAŻJU\ TAL-PREZZIJET}) \right) - 1.96} \right\} / \sqrt{T}$$

fejn T hija t-tul tal-perjodu ta' żamma rakkomandat fi snin. Jekk il-prodott jinxtara jew jiġi kkanċellat qabel tmiem il-perjodu ta' żamma rakkomandat skont is-simulazzjoni, u f'dawn il-każijiet biss, il-kalkolu jkun ibbażat fuq il-perjodu ta' snin sax-xiri jew il-kanċellazzjoni.';”.